## Laqgha Numru 08/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tat-Tminn Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 24 ta’ Mejju 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino, il-Kunsilliera Carmela Attard, Ray Pace u Pierre Cordina flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-17 ta' Mejju 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 07 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Tigdid tal-Kuntratt tas-Segretarju Amministrattiv tal-Kunsill.**
5. **Mozzjoni Numru 02/2000.**
6. **Mozzjoni Numru 03/2000.**
7. **Ismijiet tat-Toroq.**
8. **Decizjoni rigward il-Gwardjani Lokali.**
9. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
10. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 07/K3/2000.

1.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ressaq emendi ghall-items 1.1, 4.3, 4.7, 6.10 u 9.1.

1.2. Is-Sindku Joe Zammit ressaq emenda biex item 9.4 tigi tinqara “I***l-kelliem talab lill-Kunsilliera biex kemm jista’ jkun ma jsirx paroli li jista’ jitfa dell***

***ikrah jew li jista' jigi nterpratat hazin minn terzi persuni fuq il-membri w impjegati tal-Kunsill liema insinwazzjonijiet ma jkunux veritieri u li jista' jkollhom konsegwenzi li jistghu jkunu hziena***.

1.3. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 07/K3/2000 kif emendati.

1.4. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

1.5. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Pierre Cordina vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Carmela Attard u Ray Pace astjenew minhabba li ma kienux prezenti.

1.6. Il-Mozzjoni ghaddiet.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal-item li kien imiss.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet u l-korrispondenza kollha li dahlet bejn l-10 u l-24 ta' Mejju 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghal-

| **Rif.** | **Suggett** |
|---|---|
| 788 | Minuti tal-laqgha li saret bejn il-Kunsill u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar in-North Harbour Plan qabel gie ppublikat. |
| 789 | Ittra minghand id-Divizjoni ta' l-Edukazjoni rigward il-Hatra ta' President tal-Kunsill Skolastiku ghall-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo. |
| 797 | Ittra minghand il-Fondazzjoni OASI rigward Seminar li ser isir nhar il-Gimgha 2 ta' Gunju f'Ghawdex. |
| 800 | Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswijja ta' Djar rigward ir-rikostruzzjoni ta' Blokk 5 Qasam tad-Djar San Gorg. |
| 801 | Avviz Legali 67/2000 rigward it-Tigdid tal-Karti t'Identita'. |
| 804 | Ittra minghand is-St Julians Clay Pigeon Shooting Club jitolbu permess biex itellghu attivitajiet nhar ta' Hadd u fil-festi Pubblici bejn Gunju u Dicembru 2000. |
| 813 | Ittra minghand is-sinjura Maria Caruana li toqghod Blk 2 Flat 9 Qasam tad-Djar Sant Andrija tilmenta fuq diversi affarijiet. |
| 816 | Il-permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex titwahhal Locality Map fi Triq Suffolk. |
| 823 | Ittra minghand l-UHM rigward it-tilwima industrijali li ghaddejja bejn l-Union u l-AKL dwar il-ftehiem kollettiv ta' l-impjegati klerikali tal-Kunsilli Lokali. |
| 825 | Ittra minghand is-sur William Borg il-handyman tal-Kunsill rigward l-istat tal-makkinarju tal-Kunsill li jintuza biex jinqatgha l-ghaxix. |
| 828 | Ittra minghand il-Pembroke Residents Association rigward il-materjal li ntefgha hdejn il-bajja u fis-sit li hemm bejn Triq Luigi Billion, Triq il-Fortizza u Triq Burma. |
| 833 | Rapport minghand Green Peace rigward l-immanigjar ta' l-iskart f'Malta. |
| 837 | Lista ta' kontravenzjonijiet li qed jigu nfurzati mill-Gwardjani Lokali. |

841 Ittra minghand il-Pembroke Residents Association rigward in-North Harbour Plan.
843 Ittra minghand il-Bord li jikkontrolla t-trafiku dwar tabelli li ghandhom jehlu hdejn l-iskejjel.
853 Ittra minghand l-HSBC jitolbu li tigi rilaxxata l-Garanzija Bankarja ta' Roads Group Limited ghax-xoghol tat-tarmac li kien sar.
855 Ittra minghand il-Bord ta' l-Appell ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward appell numru 101/97 mill-kumpanija Trimeg Ltd. li trid tizviluppa d-dahla ta' Pembroke in-naha tal-Wied.
868 Ittra minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jinfurmaw lill-Kunsilli li sa nhar is-Sibt 15 ta' Lulju jilqghu l-kummenti tal-Kunsilli dwar in-North Harbour Plan.
870 Ittra minghand Alternattiva Demokratika jitolbu l-appogg tal-Kunsill ghall-Konvenzjoni ta' Lugano.
872 Memo 38/2000 – Spejjez tal-Gwardjani lokali.
875 Ittra minghand il-Konsorzju SIVA jinfurmaw lill-Kunsill li joffru l-ghajnuna taghhom ghal kull kjarifika dwar il-progett tal-White Rocks Holiday Complex.
878 Ittra minghand il-BMX rigward attivita' Nazzjonali li ser jaghmlu bejn it-30 ta' Gunju u t-2 ta' Lullju.
883 Ittra minghand il-Kumpanija Carmelo Gauchi Ltd rigward ix-xiri ta' Road Marking Machine.
886 Ittra minghand il-Ministeru ghat-Trasport u Kommunikazzjoni jinforma lill-Kunsill li lest jiltaqa' mal-Kunsill nhar il-Hamis 15 ta' Gunju 2000 fil-11.00 am il-Ministeru.
887 Ittra minghand il-kumpanija MED Design Consultants jinfurmaw lill-Kunsill li lesti li jemendaw il-kuntratt tal-Project Management biex tigi nkluza klawzsola fejn jaccettaw li jaghmlu xoghol ta' perizja meta jkunu mitluba mill-Kunsill.

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **789** is-Sindku Joe Zammit rrakkomanda li l-Kunsill jinnomina lis-Sur Gerald V. Bilocca jekk dan dejjem jaccetta, biex iservi l-kariga ta' President ghall-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo.

3.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino rrakkomanda lil-ex Kunsillier is-sur Mark Fenech Laudi ghal-istess kariga.

3.4. Il-Kunsillier Carmela Attard gibdet l-attenzjoni li minn informazjzoni li ghandha jirrizulta li genituri li ghandhom it-tfal taghhom fl-istess Skola ma jistghux jokkupaw il-kariga ta' President tal-Kunsill Skolastiku.

3.5. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li ssir verifika mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex il-Kunsill ikun infurmat jekk il-persuni li gew nominati humiex legibli specjalment fil-kaz tas-sur Mark Fenech Laudi minhabba li ghandu tfal jattendu l-istess Skola. Il-Kunsill qabel ukoll li decizjoni dwar min ser jigi nnominat ghandha titiehed fil-laqgha li jmiss.

3.6. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-passat il-Kunsill kien jinforma lill-Kunsill Lokali Swieqi rigward il-persuna nominata qabel titiehed decizjoni finali.

3.7. Is-Sindku Joe Zammit qal li t-talba saret lill-Kunsill Lokali Pembroke ghax l-Iskola tinsab fil-lokal u ghaldaqstant mhux obligat li jikkonsulta lill-Kunsilli ohra.

3.8. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **797** is-Sindku Joe Zammit rrakkomanda li jintbaghat is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill ghas-seminar li ser isir fil-Lukanda Mgarr Ghawdex organizzat mil-fondazzjoni OASI kemm il-darba ma jkun hemm hadd mill-Kunsilliera nteressat li jattendi u kemm il-darba s-Segretarju ezekuttiv ma jkollux impenji ohra ta’ laqghat tal-Kunsill.

3.9. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **800** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li kopja ta’ l-ittra li l-Kunsill rcieva minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar rigward Blokk 5 Qasam tad-Djar San Gorg tintbaghat lil istess residenti kif ukoll ittra tal-Kunsill fejn jinghataw zmien sal-laqgha li jmiss tal-Kunsill biex jinfurmaw lill-Kunsill bil-pozizjoni taghhom rigward l-offerti li qed jofrilhom il-Gvern vis-à-vis ir-rikostruzzjoni ta’ l-istess blokk. Il-kelliem ppropona wkoll li r-risposta tar-residenti ghandha tasal ghand il-Kunsill bl-idejn waqt il-hinijiet ta’ l-Ufficcju jew bil-posta registrata.

3.10. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **804** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jsir sparar fuq il-plattini minn St Julians Clay Pigeon Shooting Club bejn l-1 ta’ Gunju u l-31 t’Awissu 2000.

3.13. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **813** is-Sindku Joe Zammit qal li l-ilmenti tas-sinjura Caruana kienu dwar sigra li hemm fis-sit ta’ l-Iskola Gholja Santa Katerina li hija ta’ periklu ghad-djar tar-residenti, ix-xewqa li jkun hemm telephone box kif ukoll talba biex issir kaxxa ta’ l-ittra u aktar infurzar tal-Gwardjani Lokali rigward ir-rimi ta’ skart. Il-kelliem qal li rigward it-telephone box jirrizulta li diga kien hemm talba li giet rifjutata, rigward il-kaxxa ta’ l-ittri jidher li skond il-Posta m’hemmx numru bizzejjed ta’ residenti biex titpogga ohra, rigward il-Gwardjani Lokali qal li kien ser iressaq l-ilment waqt il-laqgha tal-Kumitat Kongunt li jmiss u rigward l-inkonvenjent mis-sigra li hemm fl-Iskola Gholja Santa Katerina l-Kunsill ghandu jitlob lis-sur Midolo biex jiehu passi u jirrimedja ghal din il-problema.

3.16. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **816** is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsillier Ray Pace li kien ghadu ma forniex lill-Kunsill bil-matejal konness mal-Locality Maps.

3.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **828** is-Sindku Joe Zammit qal li saret laqgha m’ufficcjali ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar fuq il-post indikat wara diversi rapporti li saru mill-Pembroke Residents Association li qed jintefa’ materjal hdejn il-bajja. Il-kelliem qal li waqt l-imsemmija laqgha ntlahaq ftehiem biex jitnehha l-materjal zejjed li ntefgha u dan taht is-supervizjoni ta’ l-ufficcjali ta’ l-Awtorita’. Il-Kelliem qal li kien qed jigi rrakkomandat li l-Kunsill jibda process ta’ konsultazzjoni ma’ l-istess Awtorita’ ta’ l-Ippjanar biex jithejja dokument forma ta’ policy biex tigi mharsa l-area tal-bajja u xahari f’liema document ikun hemm indikat x’tip ta’ embellishemnt ikun jista’ jsir biex ma titkompliex issir aktar hsara lilll-post kif qed isir minn persuni rresponsabbli.

3.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **853** il-Kunsillier Ray Pace qal li l-Garanzija Bankarja tal-Kumpanija Roads Group m’ghandiex tigi rilaxxata mil-

Bank HSBC qabel il-perit Joe Grech johrog ic-certifikat finali u qabel ma jissewwew id-difetti li hemm fix-xoghol fosthom il-livell tat-tarmac fi Triq Mikiel Ang Grima, it-tappiera li hemm fi Triq Profs J. E. Debono kif ukoll difetti ohra li jista' jkun hemm skond l-istess ittri li kien kiteb il-Perit stess.

3.19. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **855** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill joggezzjoni ghal-appell li qed taghmel il-Kumpanija Trimeg limited biex tizviluppa d-dahla ta' Pembroke fejn skond in-North Harbour Plan dan qed jigi dikjarata bhala zona protetta mil-izvilupp.

3.22. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **870** il-Kunsill qabel unanimament li ma jikkunsidrax it-talba ta' l-Alternattiva Demokratika biex jigu appogjati ghall-Konvenzjoni ta' Lugano qabel dawn jinfurmaw lill-Kunsill min huma dawk il-Kunsill li diga taw l-appogg taghhom liema talba ilha li saret diversi gimghat li izda l-Alternattiva ghadhom ma wiegbux.

3.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **878** il-Kunsillier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill jghin lill-BMX Association billi jigu pprintjati zewg posters ghall-800 darba kif ukoll billi jinghataw shield li tibqgha tintiret minn sena ghal sena ghall-kompetizzjonijiet li taghmel l-assocjazzjoni.

3.26. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **883** il-Kunsill qabel unanimament li jibqa' jistenna l-informazzjoni tal-Road Marking Machine il-gdida minghand il-kumpanija Carmelo Gauchi Limited.

## 4. Tigdid tal-Kuntratt tas-Segretarju Ezukattiv tal-Kunsill.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntratt tax-xoghol tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Kevin Borg jigi fit-tmiemu fl-ahhar t'Awissu 2000. Il-kelliem qal li l-istess kuntratt jesigi li 90 gurnata qabel ma jintemm il-kuntratt il-Kunsill ghandu jiddeciedi jekk dan hux ser jigi estiz ghal tlett snin ohra jew jekk hux ser jigi terminat. Il-kelliem talab il-kummenti tal-Kunsilliera fuq it-tigdid ta' dan il-kuntratt.

4.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li fil-perjodu tal-kuntratt tax-xoghol ra titjib sostanzjali fil-kapacita' tas-Segretarju Ezekuttiv ghalkemm ghad fadal affarijiet li jistghu jitjiebu. Il-kelliem qal li l-unika difetti li jista' jikkumenta fuqhom huma li qsari li gew imhawwla fil-bitha tal-Kunsill ma ssaqqewx bil-konsegwenza li dawn mietu kif ukoll li jirrakkomanda li meta jinghataw struzzjonijiet mill-Kunsilliera dawn jinaghataw ftit aktar importanza mix-xoghol normali tal-Kunsill ghalkemm japrezza wkoll li hemm pressjoni kbira ta' xoghol fl-ufficcju.

4.3. Il-Kunsillier Ray Pace qal li kien jaqbel perfettament mal-kummenti tal-Vici Sindku Paul Baldacchino izda xtaq izid li hu kien kontra li s-Segretarju Ezekuttiv ikun persuna mil-lokal li jokkupa kariga daqstant sensittiva. Il-kelliem

qal li kien ser jaghmel kritika kostruttiva fejn qal li kien hemm drabi fejn kellu lmenti minghand residenti li lmentaw li ma jigux milqugha u trattati kif suppost. Il-kelliem qal li ghandha tinghata aktar attenzjoni ghall-lingwagg li jintuza fl-ittri li jinkitbu mill-Kunsill, bhal fil-kaz ta' l-ittra li nkitbet lill-Onorevoli Ministru M. Refalo, ghandu jkun moderat kif ukoll tinghata aktar attenzjoni ghal-zbalji tal-grammatika. Il-kelliem qal li ghal-dawn ir-ragunijiet ma kienx jaqbel li jiggedded il-kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv.

4.4. Il-Kunsillier Pierre Cordina qal li hu minnu li jekk is-Segretarju Ezekuttiv ikun mil-lokal jista' jaghti l-kaz li tkun ftit ta' problema u dan minhabba l-fatt li certu nies jista' jkollhom apatija u riservatezzi lejn is-Segretarju Ezekuttiv li mhux bil-fors ikollhom x'jaqsmu max-xoghol tal-Kunsill izda wisq probabli mal-hajja privata tieghu, apparti l-fatt ukoll li dak li jigi nsinwat hafna drabi ma jkunx minnu. Il-Kelliem qal li dan jista' jikkonfermah minn diskussjonijiet li kellu kemm mas-Segretarju Erzekuttiv kif ukoll ma diversi residenti. Il-kelliem qal li sa fejn jaf huwa l-ghemil tas-Segretarju lejn il-Kunsilliera, Staff u residenti tal-lokal huwa tajjeb u dan jikkonfermah minn esperjanza personali tieghu. Il-Kunsillier Cordina qal li l-management li jadotta s-Segretarju Ezekuttiv biex imexxi l-Kunsill huwa wiehed ta' livell gholi li jista' jigi kkomparat ma' dak ta' kumpaniji privati. Il-kelliem qal li ghandu jkun hemm aktar koperazzjoni bejn il-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv biex ix-xoghol ikun jista' jsir ahjar u mhux kullhadd jitfa' r-responsabbilita' fuq is-Segretarju u daqshekk.

4.5. Il-Kunsillier Carmela Attard qalet li ma kelliex kummenti x'taghmel ghajr li kemm jista' jkun ikun hemm aktar attenzjoni dwar kummenti li jsiru.

4.6. Is-Sindku Joe Zammit qal li hu japrezza x-xoghol li jaghmel is-Segretarju Ezekuttiv meta wiehed iqies ukoll l-ammont ta' sighat zejda li jaghmel fuq bazi regolari biex ilahhaq ma' l-aspirazzjonijiet u l-miri tal-Kunsill. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu difetti u zbalji jsiru wkoll u dan ghax kulhadd huwa uman apparti l-fatt li dawn isiru fid-dawl tal-frustrazzjoni u pressjoni kbira ta' xoghol. Il-kelliem qal li kulhadd ghandu jzomm quddiem ghajnejn li x-xoghol li jintalab jaghmel is-Segretarju Ezekuttiv dejjem sar ghalkemm il-Kunsill m'ghandux bizzejjed rizorsi umani. Il-kelliem qal li jista' jkun hemm titjib fuq koncentrazzjoni tal-policies tal-Kunsill. Il-kelliem ghamel riferenza ghall-kummenti tal-Kunsillier Ray Pace fejn qal li l-ittri kollha li jintbaghtu mil-Kunsill kollha jkun ivverifikhom huwa bhala Sindku qabel dawn jintbaghtu. Il-kelliem ghamel riferenza ghal-battibek li nqala ma' l-Onorevoli Minstru M. Refalo fejn dan ta' l-ahhar kien mizinformat li ittra li kienet iffirmata mis-Sindku xi hadd qallu li kienet iffirmata mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-kelliem qal li l-ittri li jinkitbu mis-Segretarju dejjem ikunu fuq il-gwida tieghu jew tal-Kunsill. Il-kelliem irrakkomanda lis-Segretarju Ezekuttiv biex meta residenti jaghmlu l-ilmenti l-Kunsill m'hemmx ghalfejn isiru kummenti biex ma jkunx huwa li jidher ikrah man-nies izda jkunu l-Kunsilliera li jkollhom iwiegbu ghal-ilmenti tar-residenti, wara kollox dak huwa d-dmir taghhom. Il-kelliem spicca l-argument tieghu fejn qal li ma jistax jaccetta li persuna ma tinghatax impjieg jew ma jiggedditx il-kuntratt ghax tkun mil-lokal ghax b'hekk apparti li tinholoq diskriminazzjoni kontra kull resident fil-lokal u ghalhekk jista' jaghti l-kaz li l-Kunsill ikun qed jitlef rizorsi tajba mil-lokal.

4.7. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill jiggeddidlu l-kuntratt t'impjieg ghall-perjodu ta' tlett snin ohra jigifieri mil-1 ta' Settembru 2000 sal-13 t'Awissu 2003 u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet ta' xoghol li

hemm indikati fl-Att tal-Kunsilli lokali kif emendat kif ukoll skond il-ftehiem kollettiv li gie ffirmat bejn l-AKL u l-UHM li tirraprezenta lis-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli Lokali. **( Ara Appendici A )**

4.8. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.9. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Carmela Attard vutaw favur filwat li l-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw kontra.

4.10. Il-Mozzjoni ghaddiet.

4.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irringrazzja lill-Kunsilliera li wrew fiducja fieh. Il-kelliem talab il-permess tas-Sindku jekk setax jaghmel kummenti ghal-kummenti li saru mill-Kunsilliera.

4.12. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm lok li jsiru kummenti f'dan l-istadju.

## 5. Mozzjoni Numru 02/2000.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Ray Pace biex iressaq il-mozzjoni riferenza numru 02/2000 ghad-diskussjoni. **( Ara Appendici B )**

5.2. Il-Kunsillier Ray Pace qal li hass li kellu jressaq din il-mozzjoni minhabba l-fatt li diversi nhawi tal-lokal ghadu ma nqatax il-haxix niexef. Il-kelliem qal li ma jixtieqx li dawn l-inhawi jispiccaw mahruqa fil-granet shan tas-sajf. Il-kelliem ghamel riferenza ghal-parti zghira minn Triq l-Imhallef William Harding, ix-xaghri ta' Triq il-Mediterran u ghal-inhawi ta' wara l-Australia Hall sal-Qasam tad-Djar San Patrizju.

5.3. Il-Kunsillier Pierre Cordina qal li ma kellux kemmenti xi jzid ma' dawk tal-Kunsillier Ray Pace.

5.4. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li l-mozzjoni hija kemm xejn superfluwa u dan minhabba l-fatt li l-programm ta' xoghol tal-handyman miexi skond l-iskeda li approva l-Kunsill u ghaldaqstant ma jidhirx li hemm xi xoghol b'lura. Il-kelliem qal li l-mozzjonijiet m'ghandhomx ikunu x'jixtiequ l-Kunsilliera izda ghandhom ikunu riflessjoni ta' x'jista' jaghmel il-Kunsill bil-finanzi allokati u li diga huma approvati fl-Estimi Annwali tal-Kunsill. Il-kelliem irrakkomanda li jekk hemm partijiet mil-lokal li huma abbandunati dawn ghandhom jigu nkluza fil-programm ta' xoghol liema programm jekk ikun hemm il-qbil jigi emendat. Il-kelliem qal li l-partijiet li semma l-Kunsillier Ray Pace qatt ma saru mill-Kunsill ghajr dik ta' Triq l-Imhallef William Harding izda ghal kumplament il-Kunsill ma jistax jipretendi li jsiru minhabba n-natura ta' fejn qieghdin.

5.5. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Ray Pace jekk apparti l-partijiet tal-blat u dik ta' bejn l-Australia Hall u l-ex Bandli li kien hemm fil-Qasam tad-Djar San Patrizju hemmx postijiet ohra li jinsabu fil-periklu li jistghu jinharqu. Il-kelliem qal li kien jaqbel ma' l-ispirtu tal-mozzjoni izda ghandha wkoll tinghata attenzjoni li l-mozzjonijiet li jigu mressqa quddiem il-Kunsill ikunu prattikabbli.

5.6. Il-Kunsillier Ray Pace qal li l-mozzjoni tieghu kienet biex kemm jista' jkun jigi evitat hruq ta' haxix fil-granet tas-sajf. Il-kelliem qal li kull Kunsillier ghandu kull dritt li jressaq mozzjonijiet u ghalhekk ppropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni.

5.7. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

5.8. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Carmela Attard vvutaw kontra.

5.9. Il-mozzoni m'ghaddietx.

5.10. Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Carmela Attard qalu li kienu qed jivvutaw kontra l-mozzjoni minhabba l-fatt li diga qed isir sforz kbir biex isir ix-xoghol mitlub kif ukoll li x-xoghol mitlub huwa parti minn programm ta' xoghol li gie approvat mill-Kunsill tant li jappogjaw l-ispirtu rifless fl-ewwel parti tal-mozzjoni.

## 6. Mozzjoni Numru 03/2000.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Vici Sindku Paul Baldacchino biex iressaq il-mozzjoni numru 03/2000 ghad-diskussjoni. **( Ara Appendici C )**

6.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li xtaq li din il-mozzjoni giet diskussa aktar qabel biex tkun tista' tifassal policy fejn minn jipproponi nfieq ta' flus ghandu jkun bizzejjed responsabbli li jindika mil-liema vot ghandhom jitnaqqsu jew minflok x'hiex ser isir ix-xoghol.

6.3. Il-Kunsillier Ray Pace qal li huwa kontra l-mozzjoni prezentata minhabba l-fatt li Kunsillier m'ghandux ikun marbut jipproponi mozzjoni nkluz mil-liema vot ghandhom jigu allokati l-fondi. Il-kelliem qal li dak huwa xoghol is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill u mhux xoghol min jipproponi l-mozzjoni.

6.4. Is-Sindku Joe Zammit qal li hu kien issekonda l-mozzjoni ghar-raguni li huwa l-Kunsill li japprova l-Estimi u ghaldaqstant kull Kunsillier ghandu jkun rresponsabbli li meta jipproponi nfieq ta' flus li ma jkunx gie approvat jew indikat fl-estimi Annwali approvati ghandu jaghmel rakkomandazzjoni ta' minn fejn ghandhom jigu l-finanzi jigifieri mil-liema vot ser jitnaqqsu biex ikun jista' jsir ix-xoghol jew infieq propost. Il-kelliem qal li jekk ma jigrix hekk terga tista' tirrepeti l-istorja fejn fil-passat kien hemm Kunsilliera li kienu jipproponu numru ta' mozzjonijiet biex isiru xogholijiet li kienu hafna aktar milli jippermetti l-Kunsill biex wara jaghmluha tal-vittmi u jekk ma jsirx ix-xoghol iwahhlu f'min ikun qed imexxi l-Kunsill.

6.5. Peress li ma kienx hemm aktar kummenti l-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni.

6.6. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

6.7. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Carmela Attard vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw kontra.

6.8. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 7. Ismijiet tat-Toroq.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jinforma lill-Ministru nkarigat mill-Pulizija kif ukoll lill-Kumitat ghat-Tismijja tat-Toroq biex it-toroq bl-isem Normandija, Cassino, Anzio, Burma, Mandalay, Tunis, Tobruk, Alamein,

Suffolk, Falaise u Arnhem jigu rikonoxxuti legalment bhala toroq fil-lokal ta' Pembroke.

7.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.3. Il-Kunsill qabel unaniamment

7.4. Is-Sindku Joe Zammit ta' rendikont tal-procedura li ghandha tintuza biex toroq li jew m'ghandhomx isem jew inkellha li hemm il-htiega li jinbidel l-isem, jinghataw isem gdid.

7.5. Il-Kunsillier Ray Pace pprezenta Internal Memo bid-dettali tal-process li ghandu jsir. **( Ara Appendici D )**

## 8. Decizjoni rigward il-Gwardjani Lokali.

8.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Gwardjani jidher li mhux qed jghatu daqs kemm mixtieq. Il-kelliem irrakkomanda li jsir tibdil fl-isekda biex kemm jista' jkun jittaffew l-ispejjez. **( Ara appendici E )**

8.2. Il-Kunsillier Ray Pace qal li l-Gwardjani Lokali m'ghandhomx ikunu jigru mal-lokal bil-karozzi izda patrol bil-mixi.

8.3. Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill ghandu jara kif u jigi provdut servizz ta' patrol bil-mixi, titnaqqas il-frekwenza u s-sighat fejn mhux qed isiru abbuzi, tinhareg Press Release fejn il-Kunsill juri l-ghadab tieghu li s-servizz provdut mil-Gwardjani Lokali mhux tal-livell mixtieq filwaqt li jaghmilha cara li l-ghan ewlieni tal-Kunsill huwa li jeduka lin-nies u mhux li jaghmel introjtu finanzjarju min din id-delega kif ukoll li jintbaghat rendikont dettaljat lill-Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali dwar il-problemi li qed jiffaccja l-Kunsill mil-introduzzoni tal-Gwardjani Lokali nkluz dik finanzjarja.

8.4. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

8.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet. **( Ara Appendici F )**

9.2. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

9.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4. Is-Sindku Joe Zammit talab li jigi skuzat fid-9.15 pm.

9.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppresida l-kumplamnet tal-laqgha.

## 10. Materji Ohra.

10.1 Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li l-perit Samuel Formosa talab lill-Kunsill jiddeciedi x'tip ta' disinn ser jintuza ghal-konkos ta' l-art fil-gnien ta' Falaise kif ukoll x'kuluri ser jintuzaw. Wara diskusjoni qasira l-kelliem ppropona li l-kuluri li jintuzaw ikunu isfar car fin-nofs u ahmar skur mal-gnub filwaqt li l-isfar isir bid-disinn ta' rustic brick u l-ahmar skur isir bhal paving blocks normali. **( Ara Appendici G )**

10.2 Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.4 Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghamel riferenza ghad-dawl tal-gnien fejn qal li kienet avvicinatu persuna li kienet ser tibghat kwotazzjoni ta' l-ispiza ghax-xoghol involut. Il-kelliem qal li hu kien ta' l-opinjoni li d-dawl tal-gnien isir simili ghal dak li tpogga fuq iz-zuntier tac-Centru Pastorali.

10.5 Il-Kunsillier Ray Pace qal li hu ma kienx jaqbel minhabba l-fatt li d-dawl ghandu jkun aktra safrani.

10.6 Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li kien ser jixtri zewg bozoz biex ikunu bhala sample.

10.7 Il-Laqgha ntemmet fid-9.45 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 14 ta' Gunju 2000 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |